MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru 79/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Gary Anthony Wingfield**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 391602 (L);

Akkuzat talli fis-27 ta' Jannar 2013 ghall-habta tat-3.40pm u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fi Triq Efesu San Pawl il-Bahar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq ghamara u fanal, liema hsara jammontaw ghal iktar minn 116.47 Euro izda inqas minn 1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Kathryn Marie Debono ID 22311A u De Hamer AArnoud ID 29091A u/jew persuni ohra (Artikolu 325 tal-kap 9)

U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Kathryn MArie Debono Id 22311A u De Hamer Aarnoud ID 29091 A (Art 339 (e) tal-Kap 9)

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku (Art 338(dd) tal-Kap 9)

Il-Qorti kienet mitluba sabiex illi f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Kathryn Marie Debono Id 22311A u De Hamer Aarnoud ID 29091A flimkien mal-piena u torbot lill-hati b'obligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar htija jew nuqqas taghha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Ikkonsidrat :

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali  l-imputat jinsab akkuzat li kkometta hsara volutarja minbarra xi offizi kontravenzjonali u wkoll li huwa recediv; ghal dawn l-offizi l-imputat ammetta b’mod volontarju u inkondizzjonat.

Rat l-Artikolu 325 (1)(b), 17(d), 49 u 50 tal-Kap 9.

Qeghda tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sena mill-lum. Tikkundannah fuq l-iskorta tal-Artiklu 24 tac-citat Kap 446 li jhallas id-danni li kkaguna, ossia €717, zmien sitt xhur mill-lum lil De Hamer Aarnoud (karta tal-identita’ numru 29091A).

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilijiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------